TRIBUNAL GHAL TALBIET
TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS
TRIBUNAL

Avviż Numru CCT 231/15-F

Carmelo Farruġia
Vs
Michael Balzan Ltd.

Illum, 22 ta' Marzu, 2016

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fl-14 ta' Diċembru, 2015, fejn ir-rikorrenti talab danni ta'elf u ħames mitt Ewro (€1500) rappreżentati prezz ta' bieb ta' garaxx li mill-ewwel kellu l-problemi.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huwa l-istess rikorrenti, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti, kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti xtara bieb ta' garaxx illi wara li xtrah beda bil-problemi billi beda jinfetaħ waħdu, ċ-ċappetti bdew jinqasmu, beda jagħmel storbju u żaqżiq u problemi simili oħra.

Is-soċjeta' ntimata minkejja li kienet notifikata w ingħatat iktar minn ċans wieħed biex tagħti risposta, la ssottomettiet risposta u lanqas attendiet għas-seduta.

It-Tribunal qed jemmen il-verżjoni tar-rikorrenti anke ibbażżata fuq il-provi tar-ritratti.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qiegħed jilqa' t-talba tar-rikorrenti billi jordna s-soċjeta' ntimata tħallas is-somma ta' elf u ħames mitt Ewro (€1500) bl-ispejjes kontra l-istess soċjeta' intimat, b'dan illi l-bieb tal-garaxx jiġi propjeta' tas-soċjeta' ntimata billi għandha d-dmir li taqla' l-bieb tal-garaxx.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA TELEPHONE: (+356) 21227070. FAX: (+356) 21239888